# KUNSILL LOKALI

# IL-MUNXAR

# ‘Business Plan’

# 2018-2020

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| Il-*Mission Statement* u l-Valuri | 2 |
| Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji | 3 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| Previżjonijiet tal-Finanzi u tal-*Performance* | 7 |
| Żvilupp Kapitali | 10 |

**Il-'Business Plan'**
**2018-2020**

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Żgur li s-snin li ġejjin ser ikunu ta' sfida kbira għal kull Kunsill. Bħall-Kunsilli l-oħra kollha, il-Kunsill tagħna qed jidħol għal dawn l-isfidi mingħajr ma jħares lura. Il-Kunsill Lokali Il-Munxar huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Permezz tal-i*staff* tagħna dejjem nippruvaw inkunu ta' servizz u ta' għajnuna għal kull ċittadin. Minħabba deċentralizzazzjonijiet li qed jgħaddu f'idejn il-Kunsilli, il-Kunsill qed jaħseb sabiex l-uffiċċju tal-Kunsill ikun aċċessibbli għal kulħadd.

Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Ser issir ħidma sabiex jitranġaw ix-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsill ħareġ it-*tender* sabiex jinbeda x-xogħol. Dawn ser jitħallsu mill-fondi tad-Development Planning Fund.

Ħareġ il-permess sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fit-Torri tax-Xlendi sabiex dan jitranġa u jinfetaħ għall-pubbliku u qed nistennew il-fondi mill-ERDF Priority Axis 5 tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill ħareġ it-*tender* ħalli nagħtu bidu għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill ħareġ offerta u ser jaħdem sabiex jiġu provduti u mantenuti siġar u pjanti għal ġol-*pots* li hemm fix-Xlendi.

Il-Kunsill ħareġ offerta u ser jaħdem sabiex jiġu provduti u installati fanali sabiex jitwaħħlu fuq *lamp post* eżistenti, bdil ta' *lamp posts* miksurin u bdil ta' fanali ta' mal-ħajt fix-Xlendi.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Jipprovdi żebgħa u materjal ieħor sabiex ħaddiema mislufa mill-Gvern Ċentrali jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni, knis, jiżbgħu l-marki tat-traffiku fit-toroq u jieħdu ħsieb il-latrini u l-indafa ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

Il-Kunsill hu responsabbli mill-manutenzjoni u installazzjoni ta' lampi tad-dawl tat-toroq li ġew dovoluti lilu u għal dawk li mhuwiex responsabbli minnhom iwassal l-ilmenti għand min hu kkonċernat.

Il-Kunsill permezz tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ser ikompli jaħdem sabiex isebbaħ il-bajja pittoreska tax-Xlendi. Fix-Xlendi jiġi organizzat kalendarju ta' attivitajiet imqassma matul is-sajf kollu bl-għajnuna tal-iskema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kontribuzzjoni mill-Ministeru għal Għawdex u l-Malta Tourism Authoirty.

Il-Kunsill qed joffri servizz ta' *internet* b'xejn kemm fil-Munxar u anke fix-Xlendi. Ma jonqosx li l-Kunsill jorganizza korsijiet li jedukaw u jgħallmu liċ-ċittadini. Jiġu organizzati ħarġiet kulturali għat-tfal, għall-anzjani u għall-familji tar-raħal, attivitajiet sportivi, kulturali u attivitajiet tal-Milied. Ta' kull sena jfakkar Jum Il-Munxar fejn jingħata Ġieħ Il-Munxar. Il-Kunsill jarma t-tiżjin tal-Milied fil-Munxar u fix-Xlendi.

Permezz tal-Kunsill u l-koperazzjoni taċ-ċittadini nippruvaw li dejjem nagħmlu ġid kemm nistgħu. Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi l-Kunsilliera tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

**IFFIRMATA**
**Robert Mallia**
***Viċi Sindku.***

## 2.0 Il-*Mission Statement* u l-Valuri

## 2.1 Il-*Mission Statement*

Il-Membri kollha tal-Kunsill jaħdmu bis-sħiħ biex iżommu l-wegħda li għamlu sabiex jaħdmu għall-Munxar u lx-Xlendi dejjem aħjar. L-għan prinċipali ta' dan il-Kunsill matul it-tliet snin li ġejjin huwa li jkun ta' servizz kontinwu għar-residenti tal-Munxar u lx-Xlendi kif ukoll għal eluf ta' viżitaturi li jiġu lx-Xlendi, waqt li jamministra bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi finanzjarji tiegħu. Il-Kunsill jipprova kemm jista' jkun isolvi l-problemi u mhux jisma' l-ilmenti biss. L-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilità ta' Dipartimenti jew Korporazzjonijiet tal-Gvern jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-awtorità konċernata permezz tas-sistema Servizz.gov.

## 2.2 Il-Valuri

Il-Valuri li jħaddan dan il-Kunsill huma:-

1. li jkabbar kemm jista' jkun il-ġid tal-komunità kollha waqt li jirrispetta l-bżonnijiet ta' individwi u setturi partikulari.

2. li jirrispetta l-opinjonijiet tal-membri kollha tal-komunità li jirrappreżenta, jinvolvi lill-abitanti fix-xogħlijiet li jkun qed iwettaq u jżomm lir-residenti infurmati b'dak li jkun qed iwettaq il-Kunsill.

3. li jirrispetta l-ambjent u l-wirt kulturali u storiku tal-Munxar u tax-Xlendi.

4. li jkun ġust, effiċjenti, effettiv u trasparenti fl-amministrazzjoni tiegħu.

5. li jipprovdi u jirċievi l-aħjar servizzi possibbli.

6. idaħħal is-sens ta' patrijottiżmu fost l-abitanti.

## 3.0 Għanijiet, Riżultati mistennija u Strateġiji

## 3.1 Għanijiet u Riżultati mistennija fl-ewwel sena (2018)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| (1) Kontroll fuq l-ispiża kif ivvutata fl-estimi finanzjarji waqt li nassiguraw li l-fondi jintefqu fuq l-aħjar servizzi mogħtija. | (1) Huwa mistenni li l-ilmenti jonqsu bi tletin fil-mija. |
| (2) Li ntejbu s-servizz mogħti lir-residenti meta jressqu l-ilmenti tagħhom. | (2) L-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilità ta' Dipartimenti jew Korporazzjonijiet tal-Gvern jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-awtorità konċernata permezz tas-sistema Servizz.gov. |
| (3) Titjib tax-xogħol u servizzi mogħtija permezz tad-diversi kuntratti. | (3) Li ċ-ċittadin ikun moqdi kemm jista' jkun malajr u bl-aħjar mod possibbli. |
| (4) Definizzjoni u implimentazzjoni ta' programm biex insebbħu l-ambjent u d-dehra ġenerali tar-raħal. | (4) Tħawwil ta' siġar u pjanti f'diversi partijiet tar-raħal u estensjoni ta' faċilitajiet sportivi fir-raħal. |

## 3.0 Għanijiet, Riżultati mistennija u Strateġiji tal-Kunsill (ikomplu)

## 3.2 Għanijiet u riżultati mistennija fuq sentejn (2019 u 2020)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| (1) Użu aħjar tal-apparat teknoloġiku fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. | (1) Huwa maħsub li jiġi aġġornat is-*Software* u l-*Hardware* preżenti sabiex il-Kunsill jipprovdi servizz effiċjenti u sigur. |
| (2) Possibbiltà li jiżdied id-dħul tal-Kunsill waqt li l-ispiża tinżamm l-inqas possibbli. | (2) Huwa pproġettat li d-dħul tal-Gvern Ċentrali jiżdied proporzjonalment ta' kemm jiżdiedu l-kuntratti. |
| (3) Li jinstabu persuni adattati biex jgħinu fl-attivitajiet tal-Kunsill. | (3) Jiżdiedu aktar attivitajiet u titjieb l-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet biex il-poplu jkun moqdi aħjar. |

### 3.3 Strateġiji

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-istrateġija li se jaddotta f'dawn it-tliet snin biex jiżgura li l-oġġettivi u l-pjanijiet li huwa għamel jiġu milħuqa. Dawn l-istrateġiji huma mmirati biex jikkreaw opportunitajiet ġodda u jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' theddida għas-suċċess tal-Kunsill.

L-istrateġiji għas-snin 2018 sa 2020 għalhekk huma:

1. Li niżviluppaw relazzjonijiet kummerċjali ma' Kunsilli Lokali oħrajn, lokalitajiet barra minn Malta, Dipartimenti tal-Gvern u kuntratturi privati biex nakkwistaw l-aħjar servizz possibbli bl-inqas spiża.
2. Li ninkoraġġixxu djalogu, rispett u li naħdmu flimkien f'tim wieħed anke bejn kumitati u organizzazzjonijiet li qegħdin fl-istess raħal.
3. Li nużaw l-aħjar metodi tekniċi ta' tmexxija.
4. Li ninvolvu lill-komunitajiet residenzjali u kummerċjali fil-finanzjament ta' proġetti kapitali u soċjali biex nikkreaw diversi żviluppi għall-benefiċċju li jitgawda fit-tul min-nies tar-raħal stess, u
5. Li nkomplu nedukaw u jinfurmaw lir-residenti bl-inizzjattivi li jieħu l-Kunsill.

## 4.0 Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill

## 4.1 Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija mwaqqfa mill-Kunsill innifsu, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Assistent Uffiċjal Prinċipali, mill-Iskrivan u mill-*Contracts Manager* u tiggarantixxi li l-Kunsill jaħdem b'mod effettiv fl-amministrazzjoni tiegħu.

**Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera**

I

**Segretarju Eżekuttiv**

I

**Assistent Uffiċjal Prinċipali**

I

**Skrivan**

I

***Contracts Manager***

L-istrateġiji jiġu deċiżi mill-Kunsill u eżekwiti minnu stess.

Barra minn hekk, il-Kunsill jiddjaloga mal-partijiet kollha konċernati qabel ma jieħu deċiżjoni finali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed għas-servizz tal-Kunsilliera kollha u huwa l-ewwel persuna li jagħmel kuntatt mar-residenti f'isem il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa involut fix-xogħol amministrattiv kollu tal-Kunsill. Flimkien mal-Assistent Uffiċjal Prinċipali u mal-iskrivan huwa jilqa' wkoll l-ilmenti u s-suġġerimenti li jkollhom ir-residenti. L-ilmenti kollha jiġu rreġistrati u tittieħed azzjoni fl-inqas żmien possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli wkoll li jirranġa l-appuntamenti neċessarji tal-Kunsill mal-awtoritajiet kompetenti u li jgħaddi l-messaġġi relevanti lill-Kunsilliera.

## 4.0 Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill

### 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar huwa ffurmat minn ħames membri, is-Sindku, Viċi Sindku u tliet Kunsilliera. Ilkoll flimkien dejjem naħdmu għall-ġid tal-lokalità. Bħal kull Kunsill Lokali ieħor il-Kunsill Lokali Il-Munxar għandu l-funzjonijiet tiegħu x'jaqdi. Ħafna mix-xogħol isir permezz tal-kuntratti li għandu mad-Dipartimenti tal-Gvern, mal-Koperattivi u anke ma' kuntratturi privati. Minbarra x-xogħlijiet li jsiru permezz ta' dawn il-kuntratti, il-Kunsill għamel ukoll diversi proġetti importanti għar-raħal tal-Munxar u Ix-Xlendi. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza attivitajiet kulturali, sportivi eċċ. Ta' kull sena qed jiġi mfakkar Jum Il-Munxar, fejn jingħata Ġieħ Il-Munxar, filwaqt li jsiru diversi attivitajiet matul is-sena, fosthom fil-Karnival.

L-isforzi tagħna li nkunu Kunsill effiċjenti mhumiex limitati biss għall-organizzazzjoni u l-kwalità tas-servizzi li noffru imma wkoll fid-diversi proġetti u manutenzjoni li huwa ppjanat li jsir fit-tliet snin li ġejjin.

Il-Kunsill qed jagħmel l-almu kollu tiegħu biex kemm il-Kunsilliera kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill ikunu infurmati fuq l-aħjar metodi ta' tmexxija f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-affarijiet tal-Kunsill u biex ikunu iktar ta' servizz għall-komunità.

Il-Kunsill hu impenjat li joffri xi servizzi li fir-raħal tal-Munxar ma jeżistux.

Il-Kunsill hu impenjat li jsebbaħ id-dehra fil-Pjazza tal-Knisja, il-pjazza prinċipali tar-raħal, u ser jaħdem sabiex jitranġaw ix-*shelters* li hemm f'din il-pjazza b'fondi tad-Development Planning Fund. Il-Kunsill huwa impenjat ukoll sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fit-Torri tax-Xlendi sabiex dan jitranġa u jinfetaħ għall-pubbliku b'fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jagħmel tiswija ta' toroq, pavimentar u xogħol fuq bankini waqt li għandu ppjanat li jitħawlu u jinżammu siġar u pjanti f'diversi partijiet tar-raħal u jsir xiri ta' fanali ġodda u bdil ta' fanali u *lamp post* miksurin.

Il-Kunsill iħossu responsabbli li jżid l-effiċjenza u l-effettività tiegħu biex itejjeb is-servizz li joffri lir-residenti tar-raħal. Il-Kunsill huwa impenjat jara li jieħu s-servizz ta' dak li jkun qed iħallas għalih. Fil-fatt il-Kunsill ġieli ħa l-passi meħtieġa biex ix-xogħol isir skont l-ispeċifikazzjonijiet li jkun hemm fil-kuntratt.

Il-Kunsill fassal il-prijoritajiet tal-Proġetti Kapitali.

Jiena ċert li r-residenti japprezzaw is-sagrifiċċji li qed jagħmlu l-membri kollha tal-Kunsill li jaħdmu id f'id għall-ġid tar-raħal tal-Munxar.

L-isfidi naturalment ma jonqsux iżda l-passat pożittiv tal-Kunsill huwa eżempju ta' dak kollu li jista' jitwettaq, anki meta r-riżorsi kienu bil-wisq inqas. Il-Kunsill lest li jilqa' l-isfidi tal-futur.

IFFIRMATA
**Anthony Grech**
***Segretaru Eżekuttiv.***

## 5.0 Previżjonijiet tal-Finanzi u tal-*Performance*

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018 - 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 261,270.00 | 266,495.00 | 271,825.00 | **799,590.00** |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 4,000.00 | 4,080.00 | 4,161.00 | **12,241.00** |
| 0090 | L-Investiment | 0.00 | 0.00 | 0.00 | **0.00** |
| 0100 | Ġenerali | 188,781.00 | 145,516.00 | 0.00 | 334,297.00 |
| | TOTAL | **454,051.00** | **416,091.00** | **275,986.00** | **1,146,128.00** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 83,184.00 | 84,720.00 | 86,286.00 | 254,190.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 156,415.00 | 159,543.00 | 162,733.00 | 478,691.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 94,399.00 | 227,656.00 | 41,317.00 | 363,372.00 |
| | TOTAL | **333,998.00** | **471,919.00** | **290,336.00** | **1,096,253.00** |
| | BILANĊ FAVUR / (KONTRA) | **120,053.00** | **(55,828.00)** | **(14,350.00)** | **49,875.00** |
| | X'KELLNA QABEL | 253,344.00 | 373,397.00 | 317,569.00 | 253,344.00 |
| | X'GĦANDNA ISSA | 373,397.00 | 317,569.00 | 303,219.00 | 303,219.00 |

## 5.2 Noti

**DĦUL:** Il-Kunsill qed jassumi li d-dħul normali tal-Gvern Ċentrali jiżdied fis-sena finanzjarja 2019 u fis-sena finanzjarja 2020.

**INFIQ:** L-ispiża fuq salarji u pagi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali hu mistenni li jiżdiedu bi tnejn fil-mija għas-sena finanzjarja 2019 u tnejn fil-mija oħra fis-sena ta' wara. Il-*bonuses* se jiżdiedu bi tnejn fil-mija fis-sena matul dawn it-tliet snin. Dħul supplimentari għall-impjegati mhux mistenni li jiżdied.

L-ispiża totali fuq manutenzjoni u xogħlijiet oħra mistenni li tiżdied fis-sena finanzjarja 2019 u dan minħabba li l-Kunsill ser ikollu jieħu ħsieb il-manutenzjoni tax-xogħlijiet ġodda li qed isiru fix-Xlendi.

L-ispiża kapitali tista' tvarja matul dawn it-tliet snin li ġejjin u dan minħabba li l-Kunsill jiddependi minn għotjiet speċjali mingħand il-Gvern Ċentrali.

## 5.0 Previżjonijiet tal-Finanzi u tal-*Performance* (ikomplu)

### 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018-2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 255,270.00 | 260,375.00 | 265,583.00 | 781,228.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjoni Pubblika/Governattiva | | | | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 6,000.00 | 6,120.00 | 6,242.00 | 18,362.00 |
| | | **261,270.00** | **266,495.00** | **271,825.00** | **799,590.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | 0.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 3,500.00 | 3,570.00 | 3,641.00 | 10,711.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 500.00 | 510.00 | 520.00 | 1,530.00 |
| | | **4,000.00** | **4,080.00** | **4,161.00** | **12,241.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | | | | 0.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | 0.00 |
| | | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 188,781.00 | 145,516.00 | 0.00 | 334,297.00 |
| | | **188,781.00** | **145,516.00** | **0.00** | **334,297.00** |
| | | **454,051.00** | **416,091.00** | **275,986.00** | **1,146,128.00** |

## 5.0 Previżjonijiet tal-Finanzi u tal-*Performance* (ikomplu)

### 5.4 Tbassir tal-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 € | STIMA 2019 € | STIMA 2020 € | STIMA 2018 - 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,500.00 | 7,650.00 | 7,803.00 | 22,953.00 |
| 1200 | Pagi tal-Impjegati | 55,000.00 | 56,100.00 | 57,222.00 | 168,322.00 |
| 1300 | Bonus | 5,800.00 | 5,916.00 | 6,034.00 | 17,750.00 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 484.00 | 494.00 | 504.00 | 1,482.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 5,500.00 | 5,610.00 | 5,722.00 | 16,832.00 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 2,500.00 | 2,550.00 | 2,601.00 | 7,651.00 |
| 1700 | Allowance Kunsilliera | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| | | **83,184.00** | **84,720.00** | **86,286.00** | **254,190.00** |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 2,500.00 | 2,550.00 | 2,601.00 | 7,651.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,000.00 | 2,040.00 | 2,081.00 | 6,121.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 25,000.00 | 25,500.00 | 26,010.00 | 76,510.00 |
| 2400 | Kera | 3,700.00 | 3,774.00 | 3,849.00 | 11,323.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 550.00 | 561.00 | 572.00 | 1,683.00 |
| 2600 | Spejjeż tal-Uffiċċju | 10,000.00 | 10,200.00 | 10,404.00 | 30,604.00 |
| 2700 | Trasport | 1,500.00 | 1,530.00 | 1,561.00 | 4,591.00 |
| 2800 | Safar u vjaġġar | | | | 0.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Pubbliku | 900.00 | 918.00 | 936.00 | 2,754.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 74,065.00 | 75,546.00 | 77,057.00 | 226,668.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 12,000.00 | 12,240.00 | 12,485.00 | 36,725.00 |
| 3200 | Taħriġ | 900.00 | 918.00 | 936.00 | 2,754.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 21,000.00 | 21,420.00 | 21,848.00 | 64,268.00 |
| 3600 | Wardens | 1,300.00 | 1,326.00 | 1,353.00 | 3,979.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 1,000.00 | 1,020.00 | 1,040.00 | 3,060.00 |
| | | **156,415.00** | **159,543.00** | **162,733.00** | **478,691.00** |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | |
| 7001 | Property (Depreciation) | 0.00 | | | 0.00 |
| 7100 | Bini | | | | 0.00 |
| 7200 | Titjib | | | | 0.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 8,000.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 92,399.00 | 224,656.00 | 38,317.00 | 355,372.00 |
| | | **94,399.00** | **227,656.00** | **41,317.00** | **363,372.00** |
| | TOTAL | **333,998.00** | **471,919.00** | **290,336.00** | **1,096,253.00** |

# 6.0 Żvilupp Kapitali

## 6.1 Stima ta' Żvilippi Kapitali għal tliet snin

| Nru. tal-Kont<br>Nru. tal-Proġett | Infiq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Proġett | 2018 | | 2019 | | 2020 | | 2018-20 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | KONT € | PROĠETT € | KONT € | PROĠETT € | KONT € | PROĠETT € | TOTAL TAL-KONT € |
| 7001 | Proprjetà | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 7100 | Bini u Kostruzzjoni | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,000.00 | | 3,000.00 | | 3,000.00 | | 8,000.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 92,399.00 | | 224,656.00 | | 38,317.00 | | 355,372.00 |
| | Ix-Xlendi Tower Restoration | 92,399.00 | | 224,656.00 | | 38,317.00 | | 355,372.00 |
| | TOTAL Spejjeż Kapitali | 94,399.00 | | 227,656.00 | | 41,317.00 | | 363,372.00 |